IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA’ LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 27-2017(25_01_17)**

**25 ta’ Jannar 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**27.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

27.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 26-2016(20_12_16) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B’hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit William Lewis flimkien mal-kuntrattur iltaqgħu sabiex isir il-kejl tal-passaġġ tax-Xlendi. Il-kuntrattur intalab jirranġa xi affarijiet kif fil-fatt sar.

27.3.2 Fit-13 ta' Jannar 2017 saret il-laqgħa informattiva minn Marion Mizzi Wellbeing dwar *healthy life style* fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. Għal din il-laqgħa attendew madwar 20 persuna u lil dawk preżenti hija tat lezzjoni u *massage* bla ħlas.

27.3.3 Il-Laqgħa tal-Lokalità li kellha ssir fil-Munxar fis-16 ta' Jannar 2017 fil-5 ta' filgħaxija ma saritx peress li ħadd ma ġie għal-laqgħa. Il-Laqgħa tal-Lokalità għar-residenti tax-Xlendi saret fis-16 ta' Jannar 2017 fil-Lukanda St Patricks, Ix-Xlendi fis-6 ta' filgħaxija.

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

27.4.1 Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dik it-talba sabiex trejqa fi Triq il-Qsajjem tingħata isem. Huwa ssuġġerixxa li tissemma Triq il-Feniċi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob provi li t-triq hija pubblika u mhux privata.

Is-Sur Paul Curmi rrefera għall-applikazzjoni li tressqet quddiem il-Planning Authority sabiex issir baga fil-baħar sabiex jankraw *cruise liners* fil-bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill kien diġà għadda n-*no objection* dwar din il-proposta.

Is-Sur Curmi staqsa dwar il-bini tal-ħajt ta' Triq Ras il-Bajjada. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill għamel talba bil-miktub lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sur Curmi staqsa jekk il-Kunsill jafx bil-pjanijiet li ssir demmiela fil-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jirrapporta dwar dan.

**27.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

27.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà ta' Triq is-Sajjieda sabiex siġra tal-Fikus tinżabar minħabba li qed tattira n-nemus. Issa sabiex issir iż-żabra ħafifa, il-Kunsill ikun irid japplika mal-ERA u żgur ser jiġri bħalma ġara għas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja u l-permess jiġi rrifjutat għax qed jirraġunaw li aktar ma siġra tinżabar aktar tinfexx fl-għeruq. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għaż-żbir ta' din is-siġra.

27.5.2 Il-ħaddiema tal-Kunsill intbagħtu jaqtgħu Oleandru li ġew imkabbra 'l barra mill-ħajt ta' ġnien ta' proprjetà fi Triq il-Qsajjem peress li kif kienu, kienu ta' żgombru għat-traffiku. Is-sid ġie jilmenta iżda meta ntalab jiffirma dikjarazzjoni li jekk ikun hemm inċident tort ta' dawn is-siġar biex jieħu responsabbiltà hu, dan irrifjuta.

27.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Kevin Mercieca sabiex iġiblu formoli vojta mingħand l-ERA għal ġbir ta' skart goff. Is-Sur Kevin Mercieca staqsa dwar il-katusi tal-ilma tal-bir peress li l-Kunsill kien ser jirranġa. Huwa ssuġġerixxa li jista' jsir ukoll *culvert* żgħir. Is-Sindku diġà kellmet lill-ħaddiema tas-CMU u ser tara meta ser jibdew ix-xogħol.

27.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv elenka d-dati ta' kull laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv u tal-Kunsill għas-sena 2017. Dan qed isir sabiex il-membri jkunu jistgħu jippjanaw għal-laqgħat u l-ħaddiema tal-Kunsill ma jiħdux *vacation leave* fil-ġranet ta' qabel il-laqgħat u fil-ġranet tal-laqgħat.

27.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv kellem lill-Perit Neil Felice dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex il-kamra li hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u li bħalissa qed tintuża bħala *store* tintuża bħala *class 4d snack bar* u *meeting room*. Huwa reġa' bagħat il-pjanti ta' kif ser isir it-tibdil u ġew ippreżentati lill-membri tal-Kunsill. Meta ġie mistoqsi s-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa ma huwiex intiż dwar x'permessi jeħtieġ, kemm mir-residenti tal-viċin kif ukoll mingħand l-awtoritajiet konċernati u ssuġġerixxa li tiġi identifikata xi persuna sabiex tiggwida lill-Kunsill dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li qabel xejn il-Kunsill irid jieħu l-pussess tal-*basement* ta' taħt l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex l-oġġetti li hemm storjati fil-kamra tal-ġnien jittieħdu f'dan il-*garage*. Il-Kunsill qabel mal-pjanti kif proposti mill-Perit Neil Felice.

27.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie avviċinat separatament minn żewġ persuni li t-tnejn xtaqu jgħaddu informazzjoni li waslet għandhom lill-Kunsill dwar pjanijiet li ssir demmiela fi Triq Żgħawri. Dawn il-persuni huma inkwetati għaliex din ser tiġbor il-bawżers t'Għawdex kollu u żgur ser tkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Sa issa l-Kunsill ma rċieva xejn uffiċjali. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u s-Sur Paul Curmi ssuġġerixxa li tintalab informazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar. Kien hemm qbil dwar dan.

27.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qed jirċievi diversi lmenti speċjalment mingħand ir-residenti tax-Xlendi għaliex il-kuntrattur qed jagħmel il-ġabra tal-iskart qabel il-ħin tat-8.30 ta' filgħodu. Il-Kumitat Amministrattiv kien ser jagħmel laqgħa mal-kuntrattur.

27.5.8 Kuntrattur li jiġbor il-kartun mill-ħwienet qed jitlob permess mingħand il-Kunsill sabiex ipoġġi *skip on wheels* fil-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

**27.6 Korrispondenza**

27.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 50/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq'.

27.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 1/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq'.

27.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 2/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tqegħid ta' *CCTV Cameras* f'Latrini Pubbliċi'.

27.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 3/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad-Direttur (Gvern Lokali)'.

27.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 4/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

27.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza li għaddiet bejn ir-Reġjun Għawdex, is-SEWCU u l-kuntratturi responsabbli mill-*maintenance* tal-*LED street lighting* fil-gżira Għawdxija rigward 'Lanterni li ġarrbu ħsarat kawża tas-sajjetti u oħrajn'.

27.6.7 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/07825/16 fi Triq il-Munxar, Il-Munxar.

27.6.8 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/07639/16 fi Triq Ta' Luvier, Il-Munxar.

27.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Local Government Association rigward 'Funds for Rural Roads M4.3'.

27.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Abbozz Ċirkulari fuq Għaqal id-Dar'.

27.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Funding Support rigward sejħa ġdida taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), Miżura 4.4 li tippermetti investimenti infrastrutturali.

**27.7 Ilmenti**

27.7.1 Il-Kunsill irċieva ritratt mingħand is-Sur Damien Spiteri, kif kien mitlub, għaliex qed issir talba sabiex jitwaħħlu ħadid mal-bankina sabiex sid il-post, li huwa anzjan, ikun jista' jserraħ. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li sid dik id-dar ma joqgħodx hemm. Ġie deċiż li nitolbu direzzjoni mingħand Transport Malta.

27.7.2 Il-Kunsill irċieva Direttiva numru 1/2017 rigward Accounting Treatment ta' Assi Fissi. Din id-direttiva ser tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018, imma tinvolvi xi preparamenti li jridu jsiru mat-tmiem tas-sena finanzjarja 2017.

27.7.3 Il-Kunsill irċieva Direttiva numru 5A/2016 rigward irtirar ta' Direttiva numru 5/2016 u sostituzzjoni tagħhom dwar donazzjonijiet.

27.7.4 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitolbu informazzjoni dwar il-*Financial Allocation* u *Cash Flow Projection Report*. Dawn ser jintbagħtu qabel ma jiskadi d-*deadline*.

27.7.5 Il-Kunsill irċieva lmenti mingħand resident fi Triq il-Kappar dwar persuni li qed imorru f'dik it-triq bil-klieb u jħallu l-ħmieġ tal-klieb fl-art. Huwa ngħata tabelli sabiex iwaħħalhom fit-triq.

27.7.6 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Puniċi fejn f'żewġ okkażjonijiet fi ħmistax-il ġurnata, il-borża organika ma nġabritx. Dan l-ilment għaddejnieh lill-kuntrattur.

27.7.7 Il-Kunsill irċieva lment li f'għalqa privata fi Triq il-Qsajjem intrema saqqu. Huwa qed jitlob sabiex dan is-saqqu jitneħħa minn hemm mill-aktar fis possibbli.

27.7.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo College Middle School dwar il-proġett kreattiv. Wara li saret il-mixja fil-Munxar ġie deċiż li s-simbolu ser ikun 'Nawfragu'.

27.7.9 Il-Kunsill irċieva talba sabiex lampa bin-numru 148/42 li qiegħda fi Triq ir-Rabat titneħħa għaliex il-bini ser jitwaqqa'. Il-Kunsill talab lill-Enemalta Corporation sabiex din tiġi skonnettjata minn mal-*main* u tinqala' u tinġieb fl-uffiċċju tal-Kunsill minn sid il-post.

27.7.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Heritage Malta dwar il-Mużew t'Għawdex li ser isir flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u għadu kemm ġie approvat għall-assistenza mill-fondi Ewropej.

Għall-ewwel darba, dan il-mużew ġdid li ser jiġi żviluppat fis-sit tal-Liċeo Ninu Cremona fir-Rabat, ser ikun qed jirrakkonta l-istorja tal-gżira t'Għawdex mill-iktar żminijiet bikrija sal-lum, u ser jgħaqqad diversi dixxiplini li jinkludu l-arkeoloġija, l-arti, l-istorja naturali u l-folklor. L-għan prinċipali ta' dan il-mużew huwa li jitfa' dawl fuq l-istorja u l-identità tal-gżira Għawdxija, filwaqt li jservi ta' vetrina għall-attrazzjonijiet u l-karatteristiċi uniċi ta' kull lokalità. Heritage Malta hija responsabbli minn dak kollu li għandu x'jaqsam man-narrattiva l-ġdida li fuqu ser tiffoka l-esperjenza ġo dan il-mużew.

Peress li Heritage Malta temmen li kull lokalità fil-gżira Għawdxija għandha xi ħaġa partikulari x'toffri lejn l-istorja t'Għawdex, tixtieq li ssir diskussjoni fil-lokalità tagħna fuq dan is-suġġett. Qed jissuġġerixxu li tinħatar persuna jew numru ta' persuni mil-lokalità b'għarfien fl-istorja, eċċ, biex jassistu f'din id-diskussjoni.

Is-Sur Paul Curmi ssuġġerixxa li jinħatar il-Kanċillier Dun Salv Debrincat u wera x-xewqa li anke hu jassisti fid-diskussjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

27.7.11 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna li bniet post li jmiss ma' Ġnien Ragalna. Huwa qed jitlob sabiex jgħaddi s-servizz ta' drenaġġ mill-passaġġ fejn hemm l-i*stencil*. Il-Kunsill jaqbel iżda jrid jirranġa l-ħsarat li diġà għamel inkluż fis-sistema tad-dawl u jirranġa fejn ikun kisser.

27.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ser isiru xogħlijiet urġenti fis-sistema tad-drenaġġ ta' Triq San Xmun. Għaldaqstant, it-triq ser tkun magħluqa mit-Tnejn, 30 ta' Jannar 2017 sal-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017.

27.7.13 Il-Kunsill irċieva invit lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Sindku sabiex jattendu għal-laqgħa bejn l-Aġenzija LESA u l-Kunsilli t'Għawdex. Ser ikun hemm preżenti l-Onor. Dr Stefan Buontempo u s-Sur Ray Zammit u xi persuni oħra. Il-ħsieb ewlieni ta' din il-laqgħa huwa sabiex l-Aġenzija LESA u l-Kunsilli Lokali jaraw kif jistgħu jaħdmu iktar qrib xulxin u jassiguraw li jingħata l-aħjar servizz liċ-ċittadini u lill-komunità in ġenerali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa ma jistax jattendi.

27.7.14 Il-Kunsill irċieva stima mingħand l-Inġinier Renzo Curmi sabiex arblu bil-lampa ta' triq fi Triq ir-Rumani jiġi *shifted* b'żewġ metri sabiex ikun jista' jinfetaħ bieb ta' *garage*. L-istima hija ta' €440.18. Kien hemm qbil dwar dan.

**27.8 Il-vakanza ta' skrivan/a full-time**

27.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sejħa interna għal skrivan/a *full time* saret fit-2 ta' Jannar 2017 u għalqet fl-10 ta' Jannar 2017. Il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda iżda din il-persuna ma kinetx eliġibbli li tapplika.
Bħalma diġà spjega s-Segretarju Eżekuttiv fl-aħħar laqgħa, ikun ideali li min jiġi impjegat ikollu esperjenza ta' xogħol f'Kunsill Lokali u b'hekk jiġi evitat l-i*stress* enormi li terġa' tibda tittrenja impjegat ieħor mill-ġdid f'perjodu ta' anqas minn sena.
Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa interna għall-Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) u dan wara li jinġiebu l-permessi mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Jobsplus. Kien hemm qbil dwar dan.

27.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*ex*-skrivan Joseph Mizzi suppost li kellu jaħdem tliet xhur *notice* li bdew mill-10 ta' Diċembru 2016. Fit-2 ta' Jannar 2017 huwa rrapporta *sick* u qed jibgħat iċ-ċertifikat tat-tabib kull ġimgħa u sal-ġurnata tal-lum għadu qatt ma ġie għax-xogħol. Issa peress li każ bħal dan għadu qatt ma ġara, is-Segretarju Eżekuttiv ser jitlob direzzjoni dwar il-pożizzjoni u l-ħlasijiet tal-pagi. Huwa lmenta li issa waqa' ħafna xogħol fuqu u fuq l-Assistent Uffiċjal Prinċipali fl-aktar żmien tas-sena li jkun hemm xogħol peress li tkun qed tingħalaq is-sena ta' qabel u jsiru l-Annual Report u l-Financial Statements. Il-membri wrew solidarjetà mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali.

27.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għaċ-Ċirkulari bid-data ta' 24 ta' Awwissu 2016 bin-numru 16/2016 dwar Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din iċ-ċirkulari daħlet fis-seħħ b'mod immedjat u kull Segretarju Eżekuttiv għandu jassigura li l-proċess ta' ħatra jsir fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux iktar tard minn sitt ġimgħat mid-data taċ-Ċirkulari. Is-Segretarju Eżekuttiv jinnomina persuna li tkun qed tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew li tkun fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi. Għandha ssir riżoluzzjoni mill-Kunsill u l-effettività tagħha tkun ta' disgħin ġurnata biss.
Peress li din tressqet fil-laqgħa tad-29 ta' Settembru 2016 u l-Kunsill ma aċċettax li jinħatar dakinhar, is-Segretarju Eżekuttiv qed jerġa' jressaq quddiem il-Kunsill, peress li rċieva diversi *reminders* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa qed jinnomina lis-Sa Odette Camilleri li qiegħda fil-lista tal-*pooling*, qed taqdi d-doveri ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tax-Xewkija u li għandha esperjenza f'Kunsill Lokali sa mis-sena 1995. Is-Sinjorina Sonja Abela ma qablitx li għandu jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv għalissa u ssuġġeriet li nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk nistgħux nippospónu din il-ħatra. Is-Segretarju Eżekuttiv diġà spjega li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat diversi *reminders* dwar dan. Għaldaqstant, il-membri l-oħra qablu li s-Sa Odette Camilleri tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett immedjat. Jekk ma taċċettax, il-Kunsill għandu jaħtar lis-Sur Jason Curmi.

**27.9 Il-Karnival fil-Munxar 2017**

27.9.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir is-Sibt, 25 ta' Frar 2017 fis-1 ta' waranofsinhar. Din is-serata ser issir fil-Pjazza tal-Knisja u ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna. Ser ikun hemm danez mit-tfal tal-iskejjel, danez minn gruppi tal-kbar, maskeruni u danez *hilarious*.

Il-ħin kien it-8.30 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**27.10 Estimi Annwali 2017 u l-Laqgħa tal-Lokalità**

27.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2017. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2017 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se tkun ta' €242,861.36. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €19,800.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta wkoll ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tat-tielet kwart; Lulju/Settembru tas-sena finanzjarja 2016 u għall-aħħar kwart: Ottubru/Diċembru tas-sena finanzjarja 2016.

27.10.2 Il-laqgħa tal-lokalità tal-Munxar kellha ssir fis-16 ta' Jannar 2017 fil-5 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar. Is-Sindku talbet li tkun skużata. Għal din il-laqgħa ma attenda ħadd u għalhekk ma saritx.

**27.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

27.11.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi Itaqa' fit-18 ta' Jannar 2016, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras – Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba li kienet Malta b'emerġenza fuq xogħol.
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha tattendi *meeting* importanti fuq xogħol.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku talbet li tkun skużata għaliex ma kinetx tiflaħ.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fil-5.30 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikkjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar 2017, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**27.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

27.12.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 27/2017(25_01_17).

**27.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

27.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 23 ta' Frar, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |